# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 56

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 19 ta' Lulju 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-05.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ħadd ma kien assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 55

56.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħamsa u ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

56.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

56.2.3 Fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, li kienet issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, l-minuti tal-ħamsa u ħamsin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar ix-xogħol tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Huwa spjega kif il-proġett mixi b'ritmu tajjeb. Jidher li sal-Festa x-xogħol ser ikun lest sal- crossroads ta' Triq Giovanni Barbara. Hemm qbil li l-Kuntrattur jieħu ħsieb li jnaddaf u ma jħallix makkinarju fejn jista jkun ta'periklu għal min iżur Ħal Lija fil-jiem tal-Festa speċjalment fejn jingħata n-nar ta' l-art. Jekkil-kuntrattur ikun irid jaħdem fl-aħħar parti ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni m'hemmx problema. Id-Dawl tal-Vjal qed jinxtegħel kif maqbul u it-tindif għaddej ukoll.

56.3.2.1 Is-Sindku tkellem dwar Jum Ħal Lija -30 Sena mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta u Ghawdex. Dwar dan l-avveniment jidher li kien hemm feedback tajjeb ħafna mir-Residenti speċjalment minn dawk li attendew għal xi attivita ta' l-okkażżjoni. Il-BBQ kien eċċellenti, ikel tajjeb, xorb kemm trid u servizz eċċellenti. Is-Sindku ta grazzi kbira lill-Ministeru ta' l-Inklżżjoni tal-permess biex seta jintuża il-ġnien tal-ministeru għal BBQ. Il-Ħarġa Kulturali ġewwa l-Birgu, għalkemm kienet ħafna sħana rnexxiet ħafna. Is-Sindku qal kif kien hemm kummenti ġenerali minn nies li fix-Xitwa jixtiequ li jsiru aktar ħarġiet Kulturali bħal dawn. Hawnhekk is-Sindku qal grazzi kbira tmur għall-Kunsill tal-Birgu speċjalment lis-Sindku, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema ta' kif ħadu ħsieb ta' ċertu organizazzjoni waqt din l-attivita.

56.3.2.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif il-qofol ta' Jum Ħal Lija kienet is-Serata Mużiko Letterarja li fakret t-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f' Malta u Għawdex. Organizzazjoni tajba ħafna minn kull l-att. L-Orkestra, Soprano Christine Dalli, il-Preżentaturi Mario Micallef u Bridgit Scifo u l-Poeta Louis Briffa u l-moħħ wara l-organizzazzjoni mużikali s-Sinjura Claire Massa. Grazzi lis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli, l-Onor. Julie Zahra, il-Kappillan, Fr. Gerard Micallef u l-mistednin l-oħra kollha li attendew. Waqt din is-serata l-Kunsill kien onorat ukoll bil-preżenza ta' ħafna ex-Sindki, ex-Kunsillieri, ex Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema.

56.3.2.3 Is-Sur Dalli qal kif grazzi kbira tal-għajnuna li sab f'din l-organizzazjoni ta' Jum Ħal Lija kollu, tmur speċjalment lis-Segretarju Eżekuttiv, l-Amministrazzjoni u l-istaff kollu. Huwa talab lis-Segretarju biex twassal anke bil-miktub l-apprezzamnet tal-Kunsill lis-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin, lis-Sinjura Diane Abela Penza, lil Frankie Buttigieg u lil Marco Grech għal ħidma tagħhom fejn anke dan ta' l-aħħar selifna mingħajr ħlas l-equipment biex stajna ndawlu s-sit waqt il-BBQ u pprovdilna l-mużika.

56.3.3 Is-Sur Dalli ta aġġornament dwar il-ġita fi Sqallija għal żjara fi Militello. Huwa qal li qed tiġi organizzata ġita għal Sqallija, 17,18,19 ta' Awwissu, 2023. Il-Kunsill kellu jibdel it-tip ta' trasport u jagħżel il-baħar flok bl-ajruplan imma minkejja dan jidher li bookings xorta qed issiru. Ser issir żjara waqt il-Festa tas-Salvatur f'Militello fit-18 ta' Awwissu.

## 56.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

56.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 56.5 Korrispondenza

56.5.1 Rapport ta' korrispondenza ma kienx hemm għal din is-seduta.

## 56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Tar-Rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan-Ġun 2023

56.6.1 Dan l-item kellu jiġi maqbuż minħabba li r-rapport għadu ma ġiex ikkumpilat.

## 56.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Tar-Risposta tal-Kunsill għall-ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) tas- sena 2022

56.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill kopja tal-management letter 2022 (Ittra ta' direzzjoni) datata 13 ta' Ġunju 2023, li però waslet il-Kunsill bil-posta fis-27 ta' Ġunju 2023.

56.7.2 Kopja tal-Ittra ta' direzzjoni 2022 flimkien mar-risposta ppreparatha ngħatat lil Kunsilliera kollha. Preżenti waqt din il-parti tal-laqgħa ma kienx hemm l-accountant tal-kunsill, allura s- Sinjura Seguna tat spjegazzjoni fil-qosor hi tal-kontenut ta' din ir-risposta.

56.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Seguna spjegat kif fil-fehma tagħha l-audit mar tajjeb u riflessjonijiet negattivi fuq l-operat tal-kunsill m'hemmx. Is-Sinjura Seguna qalet kif għas-sena 2022 l-audit aktar iffoka fuq is-sistema tal-accounts li għandu l-kunsill. Filfatt hija qalet li jekk wieħed iħares lejn il-management letter, il-kummenti imnniżla kważi kollha għandhom x'jaqsmu ma kif jiġu inputted l-accounts, li jsiru mill-book keeper u l-accountant.

56.7.4 Is-Sinjura Seguna semmiet il-kummenti li tniżlu fil-management letter li għalihom ingħatat risposta.

56.7.5 Is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet u mistoqsijiet ma kienx hemm.

56.7.6 Il-Kunsill unanimament approva l-Ittra ta' Direzzjoni 2022 u kif ukoll qabel li tintbgħat ir-risposta ssuġġeritha.

## 56.8 Aġġornament – Sejħa ġdida ta' impjieg għal Skrivan fuq bażi F/T

56.8.1 Is-Sinjura Seguna tat aġġornament lis-Sindku u lill-Kunsilliera dwar l-istadju ta' proċess li wasal fih il-kunsill rigward is-sejħa ta' impjieg miftuħa għal skrivan fuq bażi F/T.

56.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil Kunsilliera kif is-sejħa l-aħħar li dehret kienet fil- Government gazette u anke ġiet irriklamatha fuq il-website/portal ta' Alfred Jobs, bl-għajnuna tal-Viċi Sindku Daniel Mallia.

56.8.3 Is-Sinjura Seguna qalet kif nies applikaw però hemm minnhom ma applikawx sew kif kien rikjest, ħafna oħrajn m'għandhomx il-kwalifiki li ġew mitluba, hemm min ma jistax jiġi kkuntatjat bl-ebda mod u ftit oħrajn infurmaw lil kunsill li sabu xogħol ieħor. Allura wara li sar eżerċizzju tal-applikazzjonijiet kollha li daħlu, minn qisu 20-il applikazzjoni , 1 biss kienet kompluta u għalhekk kienet ikkunsidratha eliġibbli.

56.8.4 Is-Sinjura Seguna talbet lis-Sindku u lil Kunsilliera biex issibu data konvenjenti ta' meta jistgħu jsiru l-interviews. Kien hemm qbil biex l-interviews jsiru nhar L-Erbgħa 26 ta' Awwissu fi 9:00am.

## 56.9 Festa tas-Salvatur 2023

56.9.1. Is-Sindku qal li kif diġà ġie diskuss fi seduta oħra, dwar il-pjanijiet tal-festa, jidher li kollox mixi sew kif suppost. Il-Kunsill Lokali bejn wieħed ieħor għal waqt il-festa addotta l-istess pjan ta' servizzi ta' tindif li mexa bih fis-sena 2022, inkluż it-tindif tal-latrini, kiri ta' bins bl-għajnuna tal-Cleansing u r-Reġjun, knis u żbir ta' ħaxix ħażin mill-kuntrattur, permessi tal-pulizija u gwardjani u gabbani etċ. Il-Kunsilliera ħadu nota dwar dan. Is- Sur Dalli żied jgħid kif kull ma baqa biss però huwa li l-kunsill japprova ċertu spejjeż li ħafna minnhom ser jiġu rimborżati mill-iskemi tar-Reġjun Lvant. Is-Sindku qara l-lista ta' spejjeż li hemm bżonn isiru bejn wieħed u ieħor.

56.9.2 Is-Sur Dalli spjega l-ispejjeż kif ġej:

- Fire engine għal użu tal-kamra tan-nar waqt li jinħaraq in-nar. Is-somma hija ta' bejn wieħed u ieħor 1260 EUR;

- Ħlas tal-meters tad-dawl tal-festi ta’ barra fejn is-somma tammonta għal madwar 900 EUR;
- Spiża ta’ madwar 800 EUR biex ikun hemm kollaborazzjoni tal-banda ta’ San PIO X;
- Spiża ta’ madwar 800 EUR biex ikun hemm ukoll kollaborazzjoni tal-banda ta’ Sant Andrija;
- Spiża ta’ madwar 2500 EUR għal Kappillan tal-Mużika tal-Knisja li ser tiġi preżentata fis-27 ta’ Lulju wara l-quddies;
- Is-somma ta’ madwar 500 EUR għal Kappella tal-Mirakli;
- Somma ta’ 500 EUR għall-Klabb tal-futbol u ser issir preżentazzjoni nhar is-Sibt 29 ta’ Lulju biex tingħata din is-somma;
- Somma ta’ 500 EUR għall-klabb tat-tennis u l-istess ser issir preżentazzjoni nhar is-Sibt 29 ta’ Lulju biex tingħata din is-somma;

Dawn l-ispejjeż kollha ġew approvati unanimament mill-Kunsill kollha u biex jittieħdu mill-fondi tar-Reġjun Lvant.

## 56.10 *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

56.10.1.1 <u>Talba loading and unloading fi Triq Sant Andrija</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill talba biex issir loading and unloading fi Triq Sant Andrija kantuniera ma’ Triq il-Forn fejn hemm il-ħanut li kien hairdresser qabel għax issa ser jinfetaħ ħanut tal-ħwejjeġ. Il-ħajjata qiegħda titlob biex ikollha loading and unloading biex tkun tista tieqaf bil-karozza biex tniżżel id-drappijiet.

56.10.1.2 Ġie deċiż li ssir applikazzjoni għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta dwar dan.

56.10.2.1 <u>Talba għal sleeping policeman fi Triq Robert Mifsud Bonniċi</u>

Tressqet talba għall-sleeping policeman fi Triq Robert Mifsud Bonniċi qabel ma wieħed joħroġ f’salib it-toroq fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għaliex vera saret perikoluża meta tiġi biex toħroġ minn hemm u kulħadd jibqa ħiereġ.

56.10.2.2 Ġie deċiż li din t-talba alissa tibqa pendenti, filwaqt li l-kunsill jara liema metodi ser jaddotta biex jitnaqqsu l-ammont ta’ karozzi li jgħaddu minn hemm.

56.10.3.1 <u>Talba għal sleeping policeman fi Triq is-Salvatur</u>

Tressqet talba għal sleeping policeman fi Triq is-Salvatur eżatti fejn hemm is-Salvatur il-Qadim.

56.10.3.2 Ġie deċiż li qabel il-kunsill japplika ma’ TM għal din l-isleeping policeman, l-ewwel għandhom jiġu kkuntatjati n-nies kollha li jgħixu fl-akwata biex naraw jekk jaqblux kollha li għandha issir din l-implimentazzjoni u fejn. Jekk ikun hemm qbil min-nies il-kunsill għandu jerġa jiddiskuti u jiddeċiedi dwar din l-impliementazzjoni biex tintbagħat lil TM.

## 56.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti u spejjeż oħra

56.11.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ pagamenti numru 07/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta’ €64.18 għax-xahar ta’ Ġunju.

56.11.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet imressqa (numru 07/23) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta’ Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 56.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

56.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet fuq PA nru ... li l-kunsill diġà ssottometta ttra ta’ rappreżentazzjoni fuqu. Hija spejgat kif l-applikant riċentament issottometta xi fresh plans u wara li dawn ġew ivvetjati mit-town planner ġie vverifikat li ma tantx inbidlu affarijiet fuq l-applikazzjoni. Pero t-town planner issuġġeriet li jekk irid il-kunsill jista jissottometti t-tieni ttra ta’ rappreżentazzjoni tiegħu fejn b’hekk ikompli jsostni l-kummenti li huwa ressaq permezz tal-lewwel ittra. Il-Kunsill iddeċieda li jissottometti din it-tieni ttra.

56.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet fuq **PA 04164/23 fi 52 Triq Preziosi Lija – Proposed alterations and additions to existing pre-1968 dwelling. Proposed alterations include partial internal demolition and construction of new**

**additions at ground and first floor level, creation of pool in backyard, and opening of garage door on facade.** It-Town planner qed tissuġġerrixi li l-kunsill jissottometti ttra ta' rappreżentazzjoni fuq dan il-permess għaliex l-iżvilupp li huwa propost jsir, jaqa fi akwata li hija UCA. Il-Kunsill iddeċieda li jimxi mal-pariri tat-town planner u b'hekk ser tiġi sottomessa ttra ta' rappreżentazzjoni.

56.12.3 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet ukoll fuq **PA 04188/23 fi Sqaq ta' Sejduna c/w Triq ta' Ħalmann Lija – To demolish exsiting structures and construction of a residential dwelling including a pool.** It-Town planner qed tissuġġerrixi li l-kunsill jissottometti ttra tal rappreżentazzjoni fuq dan il-permess għaliex l-iżvilupp li huwa propost jsir, jaqa fi akwata li hija ODZ. Il-Kunsill iddeċieda li jimxi mal-pariri tat-town planner u b'hekk ser tiġi sottomessa ttra tal rappreżentazzjoni.

56.12.4 Is-Sur Dalli fil-qosor ta aġġornament dwar **PA nru 973/23 fi Triq Robert Mifsud Bonniċi għall-applikazzjoni tal LGP Tanks**. Din l-applikazzjoni riċenti dehret quddiem il-bord tal-Planning Authority u l-kunsill ser iżomm kopja tal-minuti u ta' dak kollu li intqal. Is-Sindku qara dawn il-minuti lil Kunsilliera li kopja tagħhom qegħdin annessi mal-minuti tal-kunsill.

## 56.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

56.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

56.13.2 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif il-vann eletric tal-anzjani beda jopera. L-ewwel jumejn saqu hu imma issa ser jibdew joperawh ukoll Frankie u Marco meta jistgħu. Is-Sur Dalli qal kif huwa issa talab ukoll lid-Direttur Generali biex forsi jingħata driver li jkun jista jsuqu hu. Dan is-servizz intlaqa tajjeb ħafna mill-anzjani li jkollhom appuntamenti mediki u sabuh tajjeb ħafna speċjalment meta tal-linja ma tidħolx fejn it-Torri. Filfatt is-Sindku ser jagħmel appuntament mal-MPT dwar dan.

56.13.3 Il-Sindku qal kif fejn il-funtana kien hemm arblu u staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx li jerġa jsir u skond stima li l-kunsill għandu f'idejh arblu tal-ħadid jammonta għal madwar 350 EUR. Il-Kunsill iddeċieda li dan l-arblu jerġa jsir però tal-fibre.

56.13.4 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera li ser jattendi għal appuntament fil-jiem li ġejjien mas-Segretarju Eżekuttiv fil-Ministeru tal-Ambjent, fejn f'isem il-kunsill ser iressaq talba għal għajnuna biex isir revamp fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

56.13.5 Is-Sur Ċini reġgħa staqsa fiex waslet l-implimentazzjoni tal-fanali ġodda fil-ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-sindku reġgħa fakkru u qallu kif dawn dalwaqt jiġi mplementati peress li l-kuntrattur li kien ser jagħmillhom weġġa serju u milux reġgħa beda jaħdem sew.

56.13.6 Is-Sur Ċini fakkar dwar l-implimentazzjoni ta' żewġ sleeping policemen li kellhom jiġu mplementati fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qallu kif dawn dalwaqt isiru u l-kunsill qiegħed fil-proċess li jikseb il-kwotazzjonijiet għal sleeping policeman.

56.13.7 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, esprimiet l-interess biex isiru ftit attivitajiet/ħarġiet għat-tfal fosthom jew f'Popeye Village jew inkella ċ-Ċinema. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex issiru dawn l-attivitajiet biss is-Sindku talab lis-Sinjura Farrugia biex torganizza dawn l-affarijiet mal-Viċi Sindku s-Sur Mallia, peress li d-delega tat-tfal taqa taħt ir-responsabbilta tiegħu. Diment li s-Sur Mallia ma jsibx oġġezzjoni, s-Sinjura Farrugia tista torganizza dawn l-attivitajiet irrekkomandati hi. Kull tip ta' informazzjoni u prezzijiet għandha titressaq għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv.

56.13.8 Il-Ħin kien 18:40pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Awwissu 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-11:00am mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 23 ta' Awwissu 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |